# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 483/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Louis Grixti**

Seduta tal-24 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Louis Grixti, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 137581M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Jannar 2016, Frar 2016, Marzu 2016 u April 2016 fil-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, naqas milli jaghti lil Roseanne Seguna Mogbolu, is-somma ta' €200 iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu

fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Ottubru, 2016 li biha sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Louis Grixti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2016, li biha talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet il-htija u tirriforma in kwantu ghal piena billi timponi piena aktar mita u idoneja;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti;

2. Illi fis-seduta tal-lum, l-parti civili kkonfermat illi fil-mori tal-appell l-appellant ssalda d-debitu tieghu billi hallas il-manteniment dovut lilha skond kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut ;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, din il-Qorti, qed tilqa' l-appell u ghalhekk tghazel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-twiddiba;